# Minuti tal-465 laqgħa tal-Kunsill li saret nhar it-Tnejn 18 ta' Lulju 2016

Il-laqgħa bdiet fis-6.10 ta' filgħaxija b'talba. Is-Sindku, is-Sur Marc Vella Bonnici, ppresieda l-laqgħa.

## Item 1 – Attendenza u apoloġiji

Preżenti kienu s-Sindku s-Sur Marc Vella Bonnici, il-Viċi-Sindku s-Sur Domenic Agius is-Sur Brian Spiteri, is-Sinjura Anna Calleja, is-Sur Joseph Agius, s-Sur Joseph Vella, s-Sur Joseph Bonniċi, is-Sur John J Pace u s-Sur Mark Grech.

Is-Sur Joseph Buttigieg u s-Sur Joseph Agius (Is-Sway) kienu skużati.

L-Ambaxxatriċi Lokali għaż-Żgħażagħ, is-Sinjorina Katrina Busuttil, kienet ukoll skużata.

## Item 2 – Approvazzjoni tal-minuti

Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li ssir korrezzjoni fl-aħħar paragrafu ta' paġna 402 u minflok il-kliem 'fil-lokalità ta' Ħaż-Żabbar' jidħol il-kliem 'fil-venda l-antika ta' Ħaż-Żabbar'.

Il-minuti tal-464 laqgħa ġew unanimament approvati kif emendati fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja.

## Item 3 – Punti li joħorġu mill-minuti

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jinżebgħu mill-ġdid is-sinjali tat-traffiku fi Triq il-Mina ta' Hompesch peress illi kienu ċċaraw. Is-Sindku nforma lill-Kunsill illi ż-żebgħa ma kienetx iċċarat imma kellha biss ħmieġ li jekk jinħasel jitneħħa.

Is-Sur Joseph Vella staqsa jekk kienetx ser issir *central strip* tul it-triq kollha fi Triq il-Mina ta' Hompesch. Is-Sindku qal illi kienu ser isiru *bollards* f'nofs Triq il-Mina ta' Hompesch sabiex jiġu evitati nċidenti tat-traffiku.

Is-Sur Mark Grech reġa' talab li l-Kunsill jikteb lill-Ministeru għat-Trasport u l-Infrastruttura sabiex issir *lay by* daħla għall-ipparkjar fi Triq il-Mina ta' Hompesch ħdejn il-bini tal-aġenzija tal-assigurazzjoni sabiex b'hekk il-vetturi jkunu jistgħu jidħlu jipparkjaw aħjar fil-ġenb tat-triq.

Is-Sur Joseph Vella tkellem dwar ix-xogħol li kien sar xogħol ta' tħaffir ta' trinek fl-inħawi tal-Ħofra u qal illi xi ħadd kien tefa l-konkos f'waħda mit-trinek li hemm fi Triq Wiġi Bongailas. Is-Sindku qal illi t-trinek kellhom jiġu rranġati fil-ġranet li ġejjin.

<u>Item 4 – Qari tal-minuti tas-Sotto-Kumitati</u>

Ma kienx hemm minuti tas-Sotto-Kumitati.

<u>Item 5 – Korrispondenza</u>

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar laqgħa li kellu flimkien mas-Sinjura Anna Calleja ma' rappreżentanti tal-Ministeru għall-Familja u Solidarjetà Soċjali dwar sensiela ta' sezzjonijiet informattivi bit-tema 'Għaqal id-Dar, Ħajja Aħjar'. Dan il-kors ser ikun mingħajr ħlas u ser ikun imqassam fuq 10 sezzjonijiet ta' sagħtejn il-waħda. Is-Segretarju Eżekuttiv qal ukoll illi nhar it-Tlieta 26 ta' Lulju, 2016 kienet ser issir laqgħa fis-sala tal-Kunsill sabiex tingħata nformazzjoni dettaljata dwar dan il-kors.

Inqrat korrispondenza mibgħuta mill-Għaqda Pellegrinaġġ Muturi u Roti Ħaż-Żabbar fejn il-Kunsill ġie nfurmat li nhar il-Ħadd, 4 ta' Settembru, 2016 kien ser jiġi organizzat pellegrinaġġ bir-roti għat-tfal madwar it-toroq ta' Ħaż-Żabbar.

Inqrat korrispondenza oħra mibgħuta mill-Għaqda Pellegrinaġġ Muturi u Roti Ħaż-Żabbar fejn il-Kunsill ġie nfurmat li nhar il-Ħadd 11 ta' Settembru, 2016 kien ser jiġi organizzat il-pellegrinaġġ bir-roti u muturi.

Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq korrispondenza dwar talba għal *reduced hours* li saret mill-impjegata tal-Kunsill is-Sinjorina Mary Rose Caruana. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li t-talba tal-impjegata biex taħdem ħinijiet mnaqqsa tiġi aċċettata.

<u>Item 6 – Approvazzjoni tal-Minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter</u>

Ma kienx hemm minuti tal-Kumitat Amministrattiv St Peter.

<u>Item 7 – Skeda ta' Pagamenti</u>

Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament l-iskeda ta' ħlasijiet mill-14 ta' Ġunju 2016 sat-18 ta' Lulju 2016 li kienet tammonta għal €140,245.20.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill approva unanimament il-*petty cash expenditure* għax-xahar ta' Ġunju 2016 li kien jammonta għal €99.19.

Item 8 - Deċiżjoni dwar il-kuntratti :

Offerti għal-Servizz ta' Librara (ZLC 10/2013)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 10/2013 għal servizz ta' librara li l-Kunsill għandu mas-Sinjura Mary Grace Vassallo kien ser jiskadi fit-18 ta' Novembru, 2016, u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Offerti għall-Knis u Qtugħ ta' Ħaxix f'Toroq Urbani (ZLC 4/2014)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 4/2014 li l-Kunsill għandu mas-Sur Ronald Bezzina għas-servizz ta' knis u qtugħ ta' ħaxix f'toroq urbani kien ser jagħlaq fil-5 t' Ottubru 2016 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx jew le dan il-kuntratt għal sena oħra. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

Offerti għaż-Żamma u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi (ZLC 8/2015)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 8/2015 li l-Kunsill għandu għaż-żamma u manutenzjoni ta' latrini pubbliċi mas-Sur Sandro Caruana kien ser jagħlaq fit-18 t' Ottubru 2016 u l-Kunsill irid jiddeċiedi jekk iġeddidx dan il-kuntratt għal sena oħra jew le. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jġedded dan il-kuntratt għal sena addizzjonali taħt l-istess rati u kundizzjonijiet.

*Works Manager – Project Co-Ordinator* (ZLC 11/2013)

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li l-kuntratt ZLC 11/2013 għal servizz ta' *works manager – project co-ordinator* li l-Kunsill għandu mal-Perit William Lewis kien ser jiskadi fis-16 ta' Diċembru 2016, u billi dan il-kuntratt ma jistax jiġi mġedded trid tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti għal dan is-servizz. Fuq proposta tas-Sur Joseph Agius li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti.

Item 9 - Komunikazzjoni mis-Sindku u Kunsillieri

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill dwar laqgħa li flimkien mas-Sindku kellhom ma' rappreżentanti tal-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq fejn ġiet diskussa l-ħtieġa li jingħata isem lil diversi toroq fil-lokalità li għandhom mingħajr isem fosthom parti minn

Triq il-Kapuċċini, triq mingħajr isem fi Triq ta' Lanza maġenb Triq it-Tenur John Delia, triq mingħajr isem maġenb Bieb is-Sultan, triq mingħajr isem maġenb l-*area* magħrufa tal-Fatah u triq mingħajr isem fi Triq A Caligari. Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sur Brian Spiteri, il-Kunsill qabel unanimament li parti minn Triq il-Kapuċċini tissemma Triq Victor Cilia. Fuq proposta tas-Sinjura Anna Calleja li ġiet issekondata mill-Viċi-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li t-triq bla isem fil-*area* magħrufa tal-Fataħ tingħata l-isem Trejqet il-Fataħ. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li triq mingħajr isem fi Triq Ta' Lanza maġenb Triq it-Tenur John Delia tingħata l-isem Triq l-Għobbejra. Fuq proposta tal-Viċi-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li triq mingħajr isem fi Triq Bormla tingħata l-isem Triq l-Ordni tal-Kavallieri ta' San Ġwann. Fuq proposta tas-Sur Joseph Bonnici li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li Triq A Caligari tingħata l-isem Triq Feliċ Zarb.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur John J Pace, il-Kunsill qabel unanimament li jitlob sabiex jimpjega tlett persuni b'diżabilità mal-Kunsill taħt l-iskema CIES.

Is-Sur Mark Grech informa lill-Kunsill dwar laqgħa li kellu flimkien mas-Sindku u ma' rappreżentanti tal-Bank Of Valletta dwar it-taraġ li hemm quddiem il-bank fi Triq is-Santwarju u li kien qed jingombra l-bankina speċjalment għall-persuni li jagħmlu użu minn *wheelchair*. Is-Sur Grech qal illi minħabba li hemm diżlivellar tal-bini, ir-rampa u t-taraġ ma jistgħux jitneħħew. Is-Sur Grech qal ukoll illi l-uffiċjali tal-Bank Of Valletta issuġġerew li titwessa l-bankina skont il-permess tal-MEPA u l-approvazzjoni li kienet ingħatat ta' Transport Malta. Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Mark Grech, il-Kunsill qabel unanimament li qabel ma titwessa l-bankina issir laqgħa mal-membri tas-Soċjetà Filarmonica Maria Mater Gratiae sabiex il-Kunsill jassigura li ma jkunx hemm problemi bil-kannizzata u bl-armar tal-festa.

Is-Sindku qal illi minħabba nuqqas ta' spazju mhux ser jingħataw permessi għal tqegħid ta' gabbani u posti nkluż bejjiegħa tat-*toys* fi żmien il-ġranet tal-festa maġenb il-knisja.

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill illi l-applikazzjoni għal twaqqif jew tqegħid ta' gabbani kienu ser jiġu milqugħa mit-22 sas-26 t'Awwissu, 2016.

Il-Viċi-Sindku talab sabiex titwaħħal mera oħra ma' dik eżistenti fi Triq San Leonardu.

Is-Sur Joseph Vella semma l-ħtieġa li tinbidel tabella li hemm fi Triq iċ-Ċimiterju biex il-vetturi jipparkjaw bis-*silencer* 'il barra.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jitwaħħal fann fil-*waiting area* tal-Kunsill minħabba s-sħana fix-xhur tas-Sajf.

Is-Sinjura Anna Calleja talbet sabiex jitneħħew *wires* tad-dawl mingħajr użu li hemm mar-residenza 147 fi Triq Santa Marija. Is-Sinjura Calleja qalet ukoll illi kien hemm bozza itteptep ma arblu faċċata tar-residenza numru 151.

Is-Sur Joseph Vella semma l-bżonn li jsir bieb fl-arkata li hemm maġenb Pjazza San Nikola peress illi kien qed jintefa' skart u materjal ieħor b'inkonvenjent kbir u detriment għal saħħet ir-residenti. Is-Sindku qal illi l-Awtorità għall-Ippjanar kienet qed titratta l-problema ma' sid il-post.

Fuq proposta tas-Sur Joseph Vella li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa mas-Sur David Grech, il-kuntrattur responsabbli mill-ġbir ta' l-iskart, sabiex tiġi diskussa l-problema tal-ġbir ta' skart f'Ħaż-Żabbar.

Is-Sur Brian Spiteri qal illi kien għamel rapport mal-Pulizija dwar vandaliżmu li qed isir f'Misraħ San Ġakbu. Is-Sur Spiteri qal illi xi individwi kienu qalgħu arblu tad-dawl mill-pjazza.

Is-Sur Joseph Bonnici talab sabiex isir xogħol ta' titjib f'Misraħ San Ġakbu u li jsir xogħol ta' rranġar ta' konkos madwar is-siġar, jiġu rranġati l-bankijiet imkissra u tiġi rranġata l-art tal-pjazza peress li hemm xi madum maqlugħ.

Is-Sur Joseph Agius reġa' talab sabiex jiġu rranġati t-tabelli tan-*no parking* li hemm f'Misraħ San Ġakbu li jindikaw l-ħinijiet tas-suq fil-beraħ.

Is-Sur Joseph Agius talab sabiex il-Berġa ta' Ħaż-Żabbar terġa' tibda tiftaħ kuljum.

Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sinjura Anna Calleja, il-Kunsill qabel unanimament li jaħtar lis-Sur Nathan Attard bħala Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ għal terminu ta' sena u jitlob lis-Sur Matthew Vassallo biex fl-ewwel sena ikun membru fil-Kunsill taż-Żgħażagħ u fit-tieni sena ikun hu li jservi bħala Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ.

Is-Sur Mark Grech informa lill-Kunsill illi kien ġabar il-kwotazzjonijiet sabiex isiru *subtitles* bl-ingliż għad-dokumentarju li sar biex ġie mfakkar l-erbgħin sena mill-waqa' tal-ajruplan Vulcan f'Ħaż-Żabbar. Is-Sur Grech qal illi l-kwotazzjonijiet li ngħataw kienu mingħand is-Sur Ian Pace għall-prezz ta' €265 inkluż il-VAT u mingħand Ivision għall-prezz ta' €295 inkluż il-VAT. Is-Sur John J Pace iddikjara l-kunflitt ta' nteress dwar din id-deċiżjoni u qal illi s-Sur Ian Pace kien it-tifel tiegħu u għalhekk talab li jirtira mill-kamra sabiex ma jieħux sehem f'din id-diskussjoni u fid-deċiżjoni. Fuq proposta tas-Sur Mark Grech li ġiet issekondata mis-Sindku, il-Kunsill qabel unanimament li jagħżel l-orħos offerta dik mingħand is-Sur Ian Pace għall-prezz ta' €265 inkluż il-VAT.

Is-Sur Mark Grech semma l-bżonn li jsir xi ħaġa minflok il-*bollards* li kien hemm fi Triq Villabate ma' Triq San Ġużepp peress illi l-*bollards* kienu nqalgħu u l-vetturi kienu qed jaqsmu *wrong way*.

Is-Sur Joseph Vella talab li jsiru *cats eyes* mar-*roundabout* ta' Triq il-Marloċċ.

Is-Sur John J Pace ressaq diversi lmenti li kien irċieva fuq Radju Hompesch waqt il-programm 'Kunsill Lokali Live', fosthom talba sabiex isir *refresh* taż-*zebra crossing* f'Misraħ San Ġakbu u *zebra crossing* fi Triq ix-Xgħajra fil-viċinanzi tal-*Polymer Pharmacy*. Is-Sur Pace qal li kien irċieva talba sabiex Triq iż-Żinġla issir *one way* kif ukoll sabiex issir *road hump* fi Triq iż-Żinġla. Is-Sur Pace qal ukoll illi kien ġie mitlub sabiex il-Kunsill jorganizza kors għall-anzjani tat-THAI CHI.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li din tkun l-aħħar skeda tal-Programm Radju Hompesch u li l-programm ma jibqax isir.

Fuq proposta tas-Sindku li ġiet issekondata mis-Sur Joseph Bonnici, il-Kunsill qabel unanimament li jitneħħew il-*bring in sites* minn Ħaż-Żabbar peress illi kienu qed jintużaw ħażin u li jitlob lill-kumpanija Green Pak sabiex tibda toffri s-servizz ta' ġbir ta' skart reċiklabbli nhar ta' Ħamis ukoll. Il-Kunsill għandu jibqa' joffri s-servizz ta' ġbir ta' skart domestiku wkoll f'dan il-jum.

Il-laqgħa spiċċat fit-7.50 ta' filgħaxija

**IFFIRMATA**

Duncan Busuttil
Segretarju Eżekuttiv

Dawn il-minuti ġew approvati fl-466 laqgħa li saret nhar it-Tnejn, 22 ta' Awwissu, 2016.

**IFFIRMATA**

Marc Vella Bonnici
Sindku